**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Ottubru 2020;**

**Rikors nru: 58/2020 AGV;**

**AB**

**vs**

**C ( D) E**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB** datat 13 ta' Frar 2020, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis- 17 ta' April 1999, fir-Registru taz-zwieg il-Belt Valletta.
2. Illi l-partijiet huma legalment separati b' kuntratt datat 29 ta' Awwissu 2012, ippubblikat min-nutar Dr. Patricia Vella Haber liema kuntratt qed jigi hawn esebit u mmarkat Dok. SM 1.
3. Illi ghalhekk ir-rikorrent u l-intimat ilhom aktar minn erba' snin legalment seperati minn xulxin.

4. Illi minn daz-zwieg ma twildux tfal u ghalhek ma hemm ebda manteniment dovut lanqas ghall-istess partijiet;
5. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja  l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet permezz ta' divorzju, kif ukoll tordna lir-registraur tal-Qrati sabiex javza lid-direttur tar-registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet ai termini tal-Ligi.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' CE** datata 16 ta' Ottubru 2020 fejn espona bir-rispett;

1. Illi l-esponent qed jaghti ruhu b' notfikat ghal rikors tad-divorzju li pprezentat AB, l-attrici.
2. Illi huwa qed jiddikjara li ma ghandux ebda oggezzjoni ghat-talbiet kif dedotti.
3. Illi l-esponenti jiddikara li l-partijiet ilhom legalment separati ghal dal-ahhar ghaxar snin.
4. Illi minn daz-zwieg ma kellhomx tfal, u l-esponent ma ghandux manteniment xi jhallas lill-attrici.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet.

Rat li gew soddisfatti r-rekwiziti kollha skond il-ligi ghall-ghoti tad-divorzju bejn il-partijiet.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**